**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Vincent Xuereb**
**Noel Vella**

Kaz numru: 21/2013

Illum 21 ta' Marzu 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Vincent Xuereb,** ta' tmienja u tletin (38) sena, iben John u Helena nee' Sciberras, imwieled Victoria, Għawdex fis-27 ta' Marzu 1974, residenti fil-fond 'Xuereb', Triq Għajnsielem, Għajnsielem, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 8074(G) u **Noel Vella** ta' wiehed u tletin (31) sena iben Loreto u Rita nee' Mizzi, imwieled Victoria, Għawdex fil-25 ta' Diċembru 1981, residenti

fil-fond 'Casa Bella', Triq Viani, Rabat, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 1682(G), akkuzati talli:

a) Fis-17 ta' Frar 2013, wara ntervent u tfittxija li saret mill-membri tal-Forzi Amati ta' Malta fuq il-bastiment bl-isem ***Sea Lioness - MFB 1775,*** ħmistax-il mil nawtiku 'l barra miċ-Ċirkewwa, instab li f'dik il-ġurnata, it-tnejn flimkien, bil-kompliċita' u l-ko-operazzjoni ta' xulxin, kontra l-liġi, xjentement ittentaw jimportaw jew idaħħlu f'dawn il-Gżejjer sigaretti bla dazju fi kwantita' kif deskritt hawn taħt u dan filli bil-qerq jinħarbu jew jiġi ttentat li jinħarbu d-Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti**:**

37 kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna ***BUSINESS ROYALS.***
Kaxxa, b'46 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna ***BUSINESS ROYALS.***
Kaxxa, b'47 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna ***BUSINESS ROYALS.***
7 kartuniet, b'200 sigarett kull kartuna ***BUSINESS ROYALS.***

b) talli wkoll fl-istess data, post u ċirkostanzi, instab li, xjentement, kellhom fil-pussess u taħt il-kontroll tagħhom, kif ukoll laqghu għandhom, żammew jew kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depot ta' dawn l-imsemmija sigaretti.

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom Valur totali ta' €11,310.00, Dazju tas-Sisa dovut ta' €51,480.00, kif wkoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq

il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €6,514.56 u €12,474.82 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati.

**Noel Vella gie akkużat waħdu** talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula, ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan bi ksur tal-Artikoli:

i) 60 (b) (h) (k), 62 (a) (f) (g) (h) (i) (k), 68 (1), 69 (1) (2), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37;
ii) kif ukoll Artikli 16 (1) (j) u 17 (1) (a) (d), 17 (2) tal-Kap 382.
iii) Artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (*VAT*), Kap 406, tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-sigaretti u l-bastiment fuq imsemmija ġew maqbuda mid-Dwana bin-Noti ta' Qbid: 16/2013 u 17/2013 rispettivament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim Imhallef.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2017 il-Qorti tat il-fakulta' lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi d-Difiza pprezentat is-sottomissjoni taghha bil-miktub fit-30 ta' Jannar 2018.

Rat illi l-Prosekuzzjoni dahlet in-nota ta' sottomissjonijiet taghha bhala Nota risponsiva ghal dik tad-difiza wara l-perjodu li l-Qorti taghtha biex taghmel dan. Il-Qorti qed tordna l-isfilz ta' din in-nota ghaliex tmur kontra l-ispirtu tal-procedura fil-kamp kriminali li jsiru sottomissjonijiet mill-prosekuzzjoni meta d-difiza tkun diga' ghamlet is-sottomissjonijiet taghha.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Nhar is-17 ta' Frar 2013, il-Forzi Armati ta' Malta kellhom informazzjoni minghand agenzija ohra illi fin-Nofsinhar ta' Malta kien jew setgha kien ser ikun hemm attentat ta' trasferiment ta' droga u sigaretti tal-kuntrabandu lejn Malta. Il-Logutent Kurunell Andrew Mallia[1] xehed li waqt ronda li kien qed jaghmel ajruplan tal-Forzi Armati ta' Malta ghall-habta tat-08:30 ta filghodu, l-ekwipagg innota lanca li kienet diga maghrufa mal-awtoritajiet ghall-attivitajiet illeciti fuq il-bahar, liema lanca kienet identifikata bhala MV Golden Dawn. Din dehret qed tigi avvicinata minn lanca ferm izghar li

[1] Seduta tal-10 ta' April 2013 a fol 47

kienet identifikata bhala Sea Lioness li sussegwentement giet maqbuda u tinsab esebita f'dawn l-Atti.

Minn filmat mehud mill-ekwipagg tal-ajruplan tal-Forzi Armati ta' Malta u esebit f'dawn l-atti, jidher li minn fuq il-lanca l-kbira gew trasferiti numru konsiderevoli ta' kaxex tas-sigaretti li wara rrizulta li kienu jammontaw ghal 39 kaxxa (li jikkontjenu 50 grossa sigaretti, ta' 10 pakketti ta' 20 sigarett kull grossa) tal-marka *Business Royals*, ghal fuq il-lanca z-zghira fejn l-imputati dehru jistivawhom fl-istiva tal-lanca.

Mill-filmat mehud mil-FAM jidher li wara t-trasferiment tas-sigaretti, il-lanca l-kbira kompliet sejra 'l barra mill-kosta ta' Malta filwaqt li l-lanca z-zghira bdiet tipprocedi lejn il-kosta ta' Malta, u li matul il-kwazi l-ghaxar (10) mili nawtici li l-lanca Sea Lioness lahqet ghamlet minn meta telqet minn hdejn MV Golden Dawn sa x'hin giet intercettata mill-FAM, kienet qed tigi segwita mill-ajru u fl-ebda hin iz-zewg persuni abbord ma dehru ngaggati f'xi attivita' ta' xi tip jew xi moviment li jindika li kienu qed jistadu jew attivita' relatata mas-sajd.

Il-qbid ta' konsenja sostanzjali ta' sigaretti li kienet tinstab fuq il-lanca Sea Lioness u l-qbid tal-imsemmija lanca li sar permezz tan-Nota ta' Qbid li ggib in-numru ta' referenza 17 tas-sena 2013. Il-lanca Sea Lioness twaqfet mill-membri tal-Forzi Armati fiz-zona kontigwa ta' Malta f'cirkostanzi suspettuzi ferm. Il-lanca kienet giet osservata terfa u ttella abbord kaxex ta' sigaretti li kienu qed jinxtehtu l-bahar minn bastiment iehor li kien vicin hafna tal-lanca Sea Lioness. Fil-fatt, meta l-imsemmija lanca giet intercettata, giet ordnata tidhol u torbot mal-moll fil-Marfa taht skorta tal-

Forzi Armati. Hemmhekk, l-ufficcjali tad-Dwana u tal-Pulizija ghamlu tfittxija estensiva abbord flimkien fuq l-imsemmija lanca fejn skoprew l-ammont komplessiv ta' 390,000 sigarett sdazjat li fuqhom kien dovut €51,480 dazju tas-SISA; €6,514.56 dazju ta' importanzjoni u €12,474.82 taxxa fuq il-valur mizjud li komplessivament jammontaw ghal €70,469.38 f'telf ta' erarju pubbliku.

**Dan hu kaz serju li jitratta l-kutrabandu ta' sigaretti. Id-Dwana tant tajjeb fl-ahhar xhur nediet glieda qawwija kontra dan l-abbuz li fl-ahhar mill-ahhar jolqot lis-socjeta' kollha ghaliex id-dazju u taxxi li jkunu evaduti jfisser anqas rizorsi finanzjarji ghall-oqsma krucjali f'pajjizna bhal qasam tas-sahha, l-edukazzjoni u l-*welfare*.**

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali.

**<u>Preliminari</u>**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħa jew li trid jew li tkun

tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputati.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzati jigu misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn

ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti se tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputati.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu erbatax (14)-il xhud kif gej:

Joseph Borg (a fol. 16 et seq.), Noel Attard (a fol. 23 et seq.), Spettur Maurice Curmi (a fol. 26 et seq.), Kevin Francica (a fol. 41 et seq.), Mario Camilleri (a fol. 45 et seq.), Logutenent Kurunell Andrew Mallia (a fol. 47 et seq.), Joseph Borg (a fol. 56 et seq.), Paul Magro (a fol. 60 et seq.), Joe Micallef (a fol. 66 et seq.), Surgent 86635 David Delia (a fol. 80 et seq.), Josef Farrugia (a fol. 89), PS1335 Duncan Schembri (a fol. 94 et seq.), Staff Seargent 86297 Christopher Bremmer (a fol. 96 et seq.) u Joe Micallef (a fol. 142 et seq.).

**Il-verzjoni tad-difiza dwar l-azzjoni kriminali**

Id-difiza ssostni li mix-xhieda li harget waqt dawn il-proceduri l-imputati twaqqfu hmistax –il mil nawtiku 'l barra mic-Cirkewwa.

Fil-fatt mill-'Letter to Prosecute' tad-Dipartiment tad-Dwana esebita a fol. 18 tal-Atti Processwali u mmarkata bhala Dok JB1 jirrizulta illi tali Dipartiment talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jipprocedi kriminalment kontra l-imputati talli "fis-17 ta' Frar, 2013, wara intervent u tfittxija li saret mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta fuq il-bastiment bl-isem Sea Lioness – MFB 1771, hmistax –il mil nawtiku l-barra mic-Cirkewwa…" L-istess jirrizulta mill-'Letter to Prosecute' tad-Dipartiment tal-VAT esebita a fol. 25 tal-Atti Processwali u mmarkata bhala Dok NA1.

*In oltre* l-Ufficcjal Prosekutur stess, l-Ispettur Maurice Curmi, fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar l-10 ta' April, 2013 jistqarr illi:

*"Meta mbaghad kienu qrib qisu erbatax (14), hmistax –il (15) mil nawtiku, l-AFM baghtu bicca tal-bahar taghhom fejn fejn intercettaw id-dghajsa li kienu biha l-imputati"*[2]

La hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq iz-Zona Kontigwa u l-poteri illi ghandu d-Dipartiment tad-Dwana u tal-VAT fir-rigward ta' din iz-Zona jehtieg issir referenza ghall-Att dwar l-Ibhra territorjali u z-Zona Kontigwa, Kap 226 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 4 tal-Kap 226 jistipula:

*4.(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(2), fiz-zona tal-bahar miftuh kontigwa mal-ibhra territorjali ta' Malta kif definiti fl-artikolu 3(1) (liema zona f'dan l-Att qed tissejjah "iz-zona kontigwa") l-Istat ikollu dawk il-gurisdizzjonijiet u dawk is-setghat kif maghrufa dwar l-istess zona mid-*

[2] Fol. 27

*dritt internazzjonali u b'mod partikolari jista' jezercita fiha l-kontroll mehtieg -*
*(a) biex jevita kull ksur ta' xi ligi li ghandha x'taqsam ma' dwana, hwejjeg fiskali, immigrazzjoni u sanità, inkluz it-tniggiz, u*
*(b) biex jaghti pieni ghal reati li jkunu saru kontra l-istess ligijiet f'Malta jew fl-ibhra territorjali ta' Malta kif definiti bl-artikolu 3(1) jew (2), skont il-kaz.*

Skont id-difiza, "ghalkemm id-Dipartiment tad-Dwana jista' jezercita' l-kontroll mehtieg sabiex jigi evitat kull ksur ta' xi ligi, madanakollu r-regoli tad-Dwana, inkluz il-fatt li wiehed ghandu jiddikjara l-merkanzija illi jkun qieghed igorr u jhallas it-taxxa relattiva fuq l-istess merkanzija, jibdew japplikaw hekk kif l-opra tal-bahar tidhol fl-ibhra territorjali Maltin li jestendu sa tnax (12) –il mil nawtiku ' boghod mill-bazi. Ghaldaqstant wiehed facilment jasal ghall-konkluzjoni illi *contrario senso* ghall-dak su espost, **jekk opra tal-bahar tkun tinsab bejn tnax (12) u l-erbgha u ghoxrin (24) mil nawtiku 'l boghod mill-base lines u tkun qieghda 'in transit', kif effettivament kienet is-'Sea Lioness, il-kaptan jew sid l-opra tal-bahar m'ghandu l-ebda obbligazzjoni stante li tali obbligi jidhlu fis-sehh jekk l-istess bastiment ikun ser isorgi Malta."**

Id-difiza ssostni li "stante li l-obbligi fiskali ta' kaptan u sid ta' opra tal-bahar jidhlu fis-sehh hekk kif tali opra tidhol fl-ibhra territorjali Maltin bil-hsieb li ssorgi gewwa xi port Malti, […] kif jista jkun li huma jinstabu hatja taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 62 tal-Kap 37, tal-artikolu 16 tal-Kap 382 u tal-artikolu 80 tal-Kap 406 u cioe' li ppartecipaw fl-importazzjoni ta' oggetti projbiti gewwa Malta meta

effettivament l-intenzjoni tal-kaptan qatt ma kienet li l-lanca ssorgi gewwa Malta? **Galadarba din il-lanca tas-sajd ma kienet qatt diehla Malta izda kienet biss *in transit* ma kien jinkombi fuq hadd li ssir xi dikjarazzjoni dwar il-merkanzija abbord."**

Id-difiza biex isahhu l-argument taghhom ghamlu referenza ghal sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppreseduta mill-Mag. Dr. Antonio Micallef Trigona fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Moustafa Adel Kamal Elnashshar et.'**[3] fejn il-Qorti ddecidiet illi:

"**Fir-rigward l-artikoli tal-ligi citati taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar Dazju tas-Sisa u l-Att dwar il-Valur Mizjud, il-Qorti, apparti kull konsiderazzjoni ohra, jirrisultala li l-lanca ngabet Malta minn barra l-ibhra territorjali u sidha irrifjuta li ssir l-pratka fuqha billi sostna ghal darba darbtejn li hi bit-tghabbija tad-diesel fuqha kienet 'in transit' fiz-zona kontigenti (contiguous zone) tali li sakemm dik il-posizzjoni ma kinitx soggetta ghal ebda taxxa doganali tas-sisa jew tal-valur mizjud.** Oltre ghar-rigward tal-imputati il-massima "actus non facit rerum, nisi mens sit rea" hija applikabbli fil-kaz taghhom stante li qatt ma jista jinghad li kellhom 'pussess' jew intenzjoni kriminuza f'kaz li l-att tad-diesel abbord jikkonstitwixxi reat."

**Din il-Qorti mhix marbuta b'din id-decizjoni tal-Qorti u ghalkemm is-sentenza ma kinitx appellata ma jfissirx li dak deciz wara process quddiem Qorti ohra li kopja tal-istess process mhix parti minn dan il-**

[3] Deciza nhar id-19 ta' Jannar, 2017

**process ghandu jkun addottat ukoll f'dan il-kaz.**

Il-Qorti taghmilha cara li minn imkien mill-provi ma hareg li l-imputati kienu *in transit*, hlief fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati.

Anke kieku rrizulta li l-imputati kienu *in transit* imkien ma johrog li l-poteri moghtija lil ufficjal marittimu ghall-infurzar ma tibqax tapplika. Illi Artikolu 6(1) tal-Kap 226:

*"Ufficjal marittimu ghall-infurzar abbord bastiment jew ingenju relevanti jista', fiz-zona kontigwa, jiehu azzjoni kif imiss fir-rigward ta' kull bastiment, li ma jkunx bastiment militari barrani jew bastiment proprjeta ta' stat barrani li jintuza biss ghal servizz mhux kummercjali, kemm jekk dan ikun qed itajjar il-bandiera Maltija jew xi bandiera ohra kemm jekk ma jkun qed itajjar ebda bandiera, li jkun ragonevolment suspettat li jkollu abbord lil xi persuna ragonevolment suspettata li tkun se tikkommetti jew tkun ikkommettiet reat relevanti fil-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin."*

Ghalhekk meta membri tal-Forzi Armati ta' Malta intercettaw is-Sea Lioness, kienu qed jaghmlu dan fil-parametri tal-ligi hekk kif inhuma definiti fl-artikolu 8 fil-Kap 226, Att Dwar L-Ibhra Tenitorjali u Z-Zona Kontigwa, li jistipula dan li gej:

*(2) Bla hsara gliad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), meta bastiment jew ingenju relevanti jkun, fl-ibhra interni jew l-ibhra territorjali Maltin, jew fiz-zona kontigwa ta' Malta, beda l-insegwiment ta' bastiment suspettat, il-bastiment relevanti jista' jkompli ghaddej bl-insegwiment attiv tal-*

*bastiment suspettat 'il barra bejn sema u ilma basta li dak l-insegwiment ma jkunx gie interrott:*

*Izda meta l-bastiment suspettat ikun fiz-zona kontigwa meta jinghata l-ordni biex jieqaf minn ufficjal marittimu ghall-infurzar abbord il-bastiment relevanti, insegwiment jista' biss isir jekk ikun hemm suspett li l-bastiment suspettat ikun ikkommetta reat relevanti.*

*(3) Meta l-bastiment suspettat ikun fiz-zona kontigwa, jista' biss isir insegwiment attiv jekk l-ghemil ta' reat relevanti jkun ragonevolment suspettat.*

Mill-filmat esebit f'dawn l-atti[4] mehud mill-ekwipagg tal-ajruplan tal-Forzi Armati ta' Malta jidher car x'kienu qed jaghmlu l-imputati meta kienu 'l barra mill-ponta tac-Cirkewwa, u li dan wahdu huwa suspett ragjonevoli li kien sar u li qed jitwettaq reat, kuntrabandu ta' sigaretti jekk mhux ukoll reati ohra.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar kontra min tista' titmexxa l-azzjoni kriminali</u>**

L-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249) fl-artikolu 3(2) tieghu, jghid li:-

[4] Waqt li l-Qorti kienet qeghda tiddelibera dwar din is-sentenza l-Qorti ordnat li l-espert Max Xuereb jipprovdi lill-Qorti kopja li tkun tista' tinqara ghaliex il-*pen drive* esebita ma kienx possibli li tkun accessata fuq *laptop* jew *computer* li ghandha l-Qorti. Kopja ta' din id-DVD issa tifforma parti minn dawn l-atti.

*"F'dan l-Att, u f'kull Att mghoddi qabel jew wara l-bidu fis- sehh ta' dan l-Att, "Malta" tfisser l-gzira ta' Malta, il-gzira ta' Ghawdex u l-gzejjer l-ohra ta' l-Arcipelagu Malti, maghduda l-ibhra territorjali taghhom".*

L-Artiklu 3(1) tal-Kap 226 tal-Ligijiet ta' Malta dwar Ibhra Territorjali u z-Zona Kontigwa jipprovdi:

*'Hlief kif hawnhekk izjed 'il quddiem provdut, l-ibhra territorjali ta' Malta jkunu dawk il-partijiet kollha tal-bahar miftuh sa tnax-il mil nawtiku 'l barra mill-kosta ta' Malta mkejla mill-aktar post boghod safejn il-bahar jisfa' ghal kollox fuq il-metodu ta' linji bazi dritti migbudin bejn ponot xierqa.'*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Artiklu 5 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali fejn jispjega l-Gurisdizzjoni li ghandhom il-Qrati Maltin fejn tidhol azzjoni kriminali:

*5. (1) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni speċjali oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tagħti ġurisdizzjoni lill-qrati f'Malta biex jiġġudikaw reati, l-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta, skont il-liġijiet tagħha -*
*(a) kontra kull min jagħmel reat f'Malta, jew fuq il-baħar f'kull lok sa fejn tasal il-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta;*
*(b) **kontra kull min jagħmel reat fuq il-baħar 'il barra minn dawk il-limiti abbord ta' xi bastiment jew biċċa oħra tal-baħar li tagħmel ma' Malta**;*

*[…]*

*(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(b) u (ċ), **bastiment jew biċċa oħra tal-baħar jew inġenji tal-ajru jitqiesu li jagħmlu ma' Malta jekk***

***ikunu reġistrati f'Malta jew, jekk ma jkunu reġistrati mkien, jekk ikunu proprjetà għal kollox ta' persuni li huma abitwalment residenti f'Malta jew ta' korpi ġuridiċi mwaqqfa taħt u skont il-liġijiet ta' Malta u għandhom hemm il-post ewlieni tan-negozju tagħhom.*** (Enfasi tal-Qorti)

Id-dgħajsa li kien jisimha Sea Lioness kienet reġistrata Malta skont Certificate of Malta Registry (Dok PM1 a fol. 62) f'isem Joseph Farrugia, detentur tal-karta ta' identità numru 9077G li huwa residenti Sannat, Għawdex.

**X'irrizulta f'dawn il-proceduri:**

Din il-Qorti trid tezamina bir-reqqa kollha l-provi cirkostanzjali mressqa mill-Prosekuzzjoni, bil-ghan sabiex tistabbilixxi jekk humiex diretti fl-istess direzzjoni u cioe' jekk iwasslux ghall-htija tal-imputati.

Principlament l-imputati gew akkuzati talli kellhom xjentement fil-pussess taghhom sigaretti li d-dazju fuqhom ma kienx thallas. F'dawn it-tipi ta' kawzi l-Prosekuzzjoni ma trid tipprova xejn salv li l-imputati zammew ghandhom dawn is-sigaretti meta kienu jafu li l-VAT u dazju fuqhom ma kienx thallas.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 t'Awwissu 1990 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Victor Calleja**, intqal li:

*"Kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jdiher car li l-prova li l-Prosekuzzjoni trid*

*taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas d-dazju. Minn hemm 'l quddiem, l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*[5]

Fis-sentenza wkoll moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' April 1971 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v George Bellizzi**, gie ritenut li:

*"Il-Prosekuzzjoni m'ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju fuq is- sigaretti ma kienx thallas, izda ghal kuntrarju, in vista tal-artikolu citat tal-Kap 60 [illum 37] kien imiss lill-imputat jipprova li d-dazju relattiv kien thallas jew li kellu raguni valida jahseb li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat."*

Illi anke fl-artikolu 82(2) tal-Att XXIII tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, insibu li l-oneru huwa spustjat fuq l-imputat li jipprova li huwa ha l-passi kollha mehtiega u necessarji sabiex jottempera ruhu mal-ligi.

Joseph Farrugia hu s-sid tal-dghajsa MFB 1775 Sea Lioness "irriżulta illi din id-dgħajsa l-*fishing vessel* in kwistjoni kien jisimha Sea Lioness kienet reġistrat f'isem Joseph Farrugia, detentur tal-karta ta' identità numru 9077G li huwa residenti Sannat, Għawdex"[6].

Id-dghajsa tinsab esebita f'dawn l-atti wara li fit-18 ta' Frar 2013 id-Dipartiment tad-Dwana hareg Nota ta' Qbid (numru 17/2013) fuq id-dghajsa.

---

[5] Ara wkoll Il-**Pulizija v J.M. Deguara** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru 1990

[6] Xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 10 ta' April 2013

Fis-17 ta' Frar 2013 fuq id-dghajsa kien hemm biss Vincent Xuereb u Noel Vella.

Dakinhar saret tfittixija fuq id-dghajsa minn membri tal-Forzi Armati u tal-pulizija, u nstabu kaxxi ta' sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju. B'kollox kien hemm 390,000 sigarett. Il-valur taghhom gie stmat li hu ta' €11,310, b'dazju tas-sisa fl-ammont ta' €51,480; dazju ta' importazzjoni fl-ammont ta' €6,514.56 u Taxxa Fuq Valur Mizjud fl-ammont ta' €12,474.82.

Hu evidenti li dawk prezenti fuq id-dghajsa Sea Lioness kienu jafu bil-presenza tas-sigaretti li fuqhom ma thallasx dazju, l-istqarrija ta' Noel Vella lill-pulizija, fol. 30 titfa' dawl fuq dan:

*M: Bhal ma taf, il-bierah ghall-habta tal-11:30 ta' filghodu membri tal-Forzi Armati ta' Malta intercettaw id-dghajsa li fuqa kont qieghed int, madwar 15-il mil nawtiku 'l barra mill-kosta ta' Malta u wara li ghamlu tfittxija sabu ammont ta' kaxxex ta' sigaretti li qed jigi allegat li huma tal-kuntrabandu. X'ghandek xi tghid ghal dan?*
*T: Nghid li veru li sabu ammont ta' sigaretti.*
*M: Taf tghidli dawn is-sigaretti li nstabu fuq id-dghajsa li kont fuqa int, minfejn gibtuhom?*
*T: Madwar saghtejn qabel gew fuqna l-AFM, iltqajna ma' skuna u tefghu dawn is-sigaretti fuq id-dghajsa li konna biha ahna.*

*[…]*

*M: Waqt li kontu qed tghabbu dawn is-sigaretti tal-ghamla Business Royals fuq id-dghjsa taghkom minn fuq l-iskuna, lil Vince staqsejtu dawn is-sigaretti x'kienu u fejn kontu ser tmorru bihom?*
*T: Nibda biex nghid li jien ma tantx kont qed sew minhabba li l-bahar kien qed jaghmilli d-deniu hekk kif ersaqna ma' l-iskuna, dawk li kien hemm fuqha bdew jitfghu dawn il-kaxex tas-sigaretti ghal fuq id-dghajsa taghna u dan Vince sempliciment qalli biex impoggihom isfel fl-istiva u jien hemm ghamilt u ma qalli xejn aktar.*

*[…]*

*M: Nghid sew li int kont taf li dawn is-sigaretti kienu tal-kutrabandu?*
*T: Jien rajt li dawn ma kienux sigaretti normali, ghalxiex dawn kienu ditta li jien qatt ma rajt Malta u ghalhekk issuspettajt li dawn ma kienux bid-dazju u affarijiet hekk.*
*M: X'hin indunajt li dawn is-sigaretti ma kienux normali li x'aktarx bla dazju, lil Vince ghidtlu xi haga fuq hekk?*
*T: Le ma jidhirliex li ghidtlu.*

Mill-provi rrizulta kif fuq id-dghajsa ma kien hemm ebda attivita' ta' sajd ghaddejja u d-dghajsa kienet qeghda tintuza biex jingarru s-sigaretti li d-dazju taghhom ma thallasx.

**L-element tax-xjenza**

Dwar dan l-element tax-xjenza fil-kaz Il-**Pulizija vs Louis Frendo**, il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet:

"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz, il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf, jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi , li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas. Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap. 37 ."

Mill-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi** , jemergi t-taghlim li:

"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li id-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas, kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas ......"

Din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif id-difiza setghet tirritjeni li ma kinux jikkonfiguraw l-estremi tar-reat taht l-Ordinanza tad-Dwana u taht l-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. L-imputat Vincent Xuereb certament laqa' ghandu, gie fil-pussess ta', u zamm oggetti li ma kinux

thallsu dazju fuqhom u ghalhekk certament jirrikorri l-element materjali tar-reat kif kontemplat fil-paragrafi (f) u (g) tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37.

Kif jghid Il-Professur Sir Anthony Mamo (Lectures on Criminal Law (1953 edit. Part I, pp.131 - 133) meta jkun qed jittratta l-kwistjoni tal-partecipazzjoni fizika ghall-fini tal-komplicita:-

*"The essential conditions common to those forms of complicity by physical participation are:-*
*(a) that the accomplice should be conscious of the offence contemplated by the principal and have the intention of assisting him in committing it;*
*(b) that the accomplice should have done some act in furtherance of the criminal design which he shares with the principal;*
*(c) that the act of the accomplice should have in fact helped in the commission of the offence."*

Kwantu ghall-element morali, il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet li fissru li fir-rigward tal-imsemija paragrafi (f) u (g) il-kelma "xjentement" ma tfissirx semplicement li l-agent ikun konxju li qed jilqa' ghandu, izomm jew jigi fil-pussess ta' oggett partikolari, izda tfisser li hu jkun jaf, jew messu ragjonevolment fic-cirkostanzi kien jaf, li d-dazju fuq dak l-oggett ma kienx gie mhallas – ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Raymond Buhagiar** App. Krim. 12/9/1996; **Il-Pulizija v. Anthony Gatt u Michael Azzopardi** App. Krim. 5/3/1997.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Paul Ciappara**[7] deciza fl-24 ta' Settembru 2009 mill-Imhallef Joe Galea Debono fejn dahal fid-dettal dwar artikoli varji tal-Ordinanza tad-Dwana u fejn hemm bzonn ix-xjenza jew le biex tinstab htija:

Issa hija l-prattika tal-Kontrollur tad-Dwana li meta jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jipprocedi fuq xi allegat ksur tal-Kap. 37, jinkludi l-ipotesijiet kollha ta' ksur tal-ligi kontemplati fl-atikoli 60 u 62 tal-Kap. 37 u jhalli f'idejn il-Qrati dwar xiex tkun tista' tinstab htija. Din il-prassi ftit li xejn hija rakkomandabbli pero' u l-Kontrollur tad-Dwana ghandu jkun ben konsapevoli ta' liema ksur tal-ligi jkollu jirrispondi l-akkuzat u mhux jitfa' kollox f'qoffa wahda u jhalli f' idejn il-Qorti *"to pick and choose"*. Din il-prassi ghandha tinqata' ghax hi impreciza ghall-ahhar. F'dan il-kaz jidher manifestament li ebda wiehed mis-sub-incizi tal-artikolu 60 tal-Kap. 37 mhu applikabbli ghall-kaz odjern u ghalhekk is-sottomissjoni tal-appellant f'dar-rigward hi ben fondata.

Ghalkemm l-istess prassi giet uzata fir-rigward tal-artkolu 62, f'dan il-kaz mis-sub-incizi kollha li gew elenkati fit-tielet akkuza, is-sub-incizi (f) u (g) biss jidhru li jistghu jkunu pertinenti ghall-fattispecji ta' dan il-kaz. Di fatti dawn jippreskrivu li jkun hati ta' kontravvenzjoni tal-Ordinanza tad-Dwana kull min:-

[7] Appell Nru. 181/2009

*"(f) xjentement jilqa' ghandu, izomm ..jew xjentement ihalli, jittollera jew igieghel jew ifittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita jew limitata jew li ma thallasx dazju …"*
*"(g) xjentement jigi fil-pussess ta' dawn l-oggetti."*

Illi ma hemmx dubju li l-oggetti inkriminati gew misjuba fil-pussess tal-appellant u li dawn kienu oggetti projbiti. Dan lanqas ma hu kontestat mill-appellant innifsu. L-appellant pero' jissottometti li f'tali pussess kienet mankanti x-xjenza li fuq dawn l-oggetti ma kienx thallas id-dazju relattiv.

Dwar l-element tal-pussess xjenti, il-prosekuzzjoni ssostni li mill-atti kien jirrizulta l-element tax-xjenza u li l-oneru tal-prova li d-dazju kien gie mhallas kien mixhut fuq l-appellant ghall-inqas fuq bazi ta' probabbilta'. Dan l-apparat kien projbit fiz-zmien tal-allegat reat. L-appellant pero' ssottometta li l-artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana ma kellu x' jaqsam xejn ma dan il-kaz ghax l-apparat kien qed jintuza minn terza persuna u hadd ma kien qalilha xejn u dan ma kienx xi oggett mohbi imma oggett imwahhal ma' aerial.

Illi l-pozizzjoni legali tal-import tal-artikolu 77 tal-Kap. 37 in relazzjoni mal-artikoli 60 u 62 tal-istess Ordinanza tad-Dwana giet trattata *"funditus"* f'numru ta' sentenzi tal-Qrati taghna u l-gurisprudenza *in subiecta materia* giet ri-epilogata fis-sentenza ta' din l-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et."** [20.3.2003]. Hemm kienet saret riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs.**

**Victor Calleja"** [24.8.1990] li, a sua volta, kienet ghamlet referenza ghal sentenza ohra moghtija fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Anthony Mifsud u George Grima "** deciza fit-12 ta' Gunju, 1989 " u qalet:-

*"Fil-kaz kontra Anthony Mifsud et. l-akkuzi kienu wkoll taht dawn l-artikoli. Il-Qorti tal-Appell deherilha li kellha taghmel distinzjoni bejn il-pozizzjoni legali taht l-artikolu 77 u dik taht l-artikoli l-ohra u din il-Qorti taqbel ma u taghmel taghha tali argumenti in relazzjoni ghal tali distinzjoni ."*

*"Fid-dawl ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti jidhrilha li l-pozizzjoni legali tista' tigi enuncjata hekk:-*

*"Kazijiet taht l-artikolu 62 : "*

*"Il-Ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l-Artikolu."*

*"Min jimporta oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita, min jizbarka tali oggetti, min iwarrab oggetti mportati qabel jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat mid-Dwana, huwa awtomatikament passibli minghajr il-htiega tal-prova tax-xjenza."*

*"Hawn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-fatti materjali kif jinkwadraw ruhhom taht dawn il-paragrafi."*

*"M'hemm bzonn lanqas li fil-kazijiet specifici l-imputat kien jaf li l-importazzjoni kienet projbita. Gie deciz li din hija kwistjoni ta' ligi u mhux ta' fatt. Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza Pulizija vs. Raymond Debono deciza fit-28 ta' Lulju, 1988."*

*"Ghall-kuntrarju jekk l-imputat jallega li l-importazzjoni kienet legali, a tenur tal-Artikolu 77, irid jaghmel il-prova hu."*

*"Paragrafi ohra pero', jirrikjedu ix-xjenza. Dawn huma s-subincizi (e) sa (i) tal-istess artikolu 62."*

*"Taht il-paragrafu (f) per ezempju, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat agixxa xjentement biex*
*a) laqa' etc. ghandu l-oggetti in kwistjoni,*
*b) li tali oggetti ghandhom l-importazzjoni projbita jew limitata,*
*c) jew tali oggetti kienu zdazjati,*
*d) jew li tali oggetti kienu gew imwarrba minghajr hlas ta' dazju mill-postijiet imsemmija fl-istess subinciz."*

*Kif qalet il-Qorti fil-kawza kontra Mifsud, jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant zamm ghandu jew laqa' ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju b'daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn."*

*"Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l-appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf, li l-oggetti li nstabu ghandu kienu ta' natura ta' dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-Kap. 37 "*

*"Taht l-Artikolu 77 ."*

*Dan japplika, kif juri l-istess Artikolu, meta tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju dovut kienx gie mhallas, jew li l-oggetti gew zbarkati skond il-ligi, ecc. "*

*"Fi kliem iehor, fil-fehma tal-Qorti* dan *l-Artikolu jidhol in effett u jaltera l-piz tal-prova, meta l-imputat jinvoka tali fatti ."*

*"jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, jipprova hu."*

*"Dan japplika f'kull kaz, anki fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f'dawn il-kazijiet, imma jekk l-appellant jixtieq jallega xi difiza taht l-Artikolu 77, il-prova jrid iforniha hu. U kien proprju dan li gie deciz fil-kaz ta' Mario Scicluna."*

u f'parti ohra tal-istess sentenza appena citata, il-Qorti affermat li:-

*"Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta' Marzu, 1985, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, l-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat."*

*"In sostenn ta' tali principju, l-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk: "kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*

Imbaghad fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Mary Deguara"** [7.9.1990] gie deciz li :-

*"Hu l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza." u ".....huwa zbaljat li wiehed japplika l-principji tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37 meta l-appellant ma tax l-eccezzjonijiet rizultanti taht tali artikoli.."*

Fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi"** [22.9.1993], fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' *mens rea* tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat gie ritenut li :-

*"Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f'kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz, il-pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill-Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re.* ***"Il-Pulizija vs. Anthony Preca"****, fejn, ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l-iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-*

*iskarikar tal-merkanzija. F'dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi ohra fosthom dik in re* ***"Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia"*** *deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991, kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat, cio' nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l-kaz li l-imputat ikun haddiehor. F'dan l-ahhar kaz jinhtieg ghall-kontravvenzjoni r-rekwizit tax-xjenza, igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas."*

u

*"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li d-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas, kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas ........Wiehed pero ' jrid* joqghod attent *f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragonament pseuodologiku....Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox, x'tip ta' attivita' kienet qed issir mill-appellant. Ghal dan il-fini, din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-*

*oggetti, jew il-komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir, tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imbaghad una volta stabilit dan, cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi. Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni. "*

Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive Franco Borg**" [23.9.1994] fil-kaz ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.

Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza, din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Louis Frendo"** [12.3.1999] :-

"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz, il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf, jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi, li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas. Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap. 37 "

u meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li d-dazju/levy ma kienx thallas :-

"...hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa' l-oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju/ evy fuq dawk l-oggetti kien thallas. Fil-kaz odjern u f'kazijiet simili, kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li "prima facie" jidher li id-dazju/levy fuqhom ma kienx thallas, u (c) li dawk l-oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-appellant."

L-import tal-artikolu 77 gie wkoll trattat fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Joseph Said"** [26.11.1992] u fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant"** [4.2.1994] fejn ukoll gie ribadit il-principju li jekk tinqala' kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kinux importati skont il-ligi, il-prova relattiva tmiss lill-imputat. Anki fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et"** [31.7.1998] gie ritenut :-

*"..hawnhekk il-Prosekuzzjoni m'ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju ma thallasx jew li ma giex kawtelat, izda ghal kuntrarju , ……kien imiss lill-appellant jipprova illi d-dazju kien thallas jew li kellu raguni li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat. L-oneru tal-prova hawn qieghed fuq l-appellant u hu hawn naqas. Kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hawnhekk hu li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm 'l quddiem l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-appellant."*

Illi fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Anthony Callus"** [13.7.2005] gie ritenut li:-

*"Issa fil-waqt li hu minnu li biex jirrizultaw l-.imputazzjonijiet mhux biss irid jigi pruvat il-pussess materjali tal-oggett mhux zdazjat, imma jrid ikun hemm ukoll il-provi tax-xjenza li dak l-oggett ma kienx thallas id-dazju jew it-taxxa tas-sisa fuqu. Pero' dan l-element tax-xjenza, anki jekk jigi michud mill-persuna suspettata, jista' jigi pruvat minn provi indizjarji li jkunu jindikaw li tali xjenza kien hemm jew suppost li kien hemm."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**Konkluzjonijiet**

Fuq il-lanca ma nstab ebda oggett relatat mas-sajd hlief konz wiehed li zgur ma ntuzax waqt li l-imputati kienu qeghdin fuq il-bahar.

Il-Qorti ma temminx il-verzjoni tal-imputati li kienu qieghdin jesploraw il-bahar biex isibu post adegwat jew tajjeb ghas-sajd sabiex imbaghad darb'ohra johorgu jaghmlu s-sajda, m'hijiex kredibbli u ma titwemminx, ghaliex l-imputati stess stqarrew li kienu dilettanti tas-sajd u allura ma nafx liema persuna dilettanta tas-sajd, tohrog 35 mil-nawtiku 'l barra mill-kosta ta' Malta u ma taghmilx sajda wahda b'xi mod, izda tohrog biss ghas-semplici raguni biex '*ifittxu l-qiegh*'.

L-asserzjoni li kienu *in transit* difficli li titwemmen, specjalment meta tikkunsidra dan li gej:

1) Fl-istqarrijiet li l-imputati rrilaxxaw lill-pulizija wara li konsultaw mal-avukati ta' fiducja taghhom, l-ebda wiehed ma semma l-fatt li kienu *in transit*.

2) Meta wiehed jikkunsidra li l-imputati kien ilhom barra fuq il-bahar minn xi l-04:00 ta' filghodu u allura wiehed isaqsi, kemm setghu jibqghu aktar fuq il-bahar bl-ammont ta' fjuwil li kellhom abbord.

3) Lanqas ma instab li kellhom ikel u jew provisti li normalment wiehed jiehu mieghu meta jkun hemm xi pjan li sejjer fuq il-bahar .

4) Illi l-imputati kienu madwar 35 mil nawtiku 'l barra mill-ponta tac-Cirkewwa meta avvicinaw lil MV Golden Dawn u sar it-trasferiment tas-sigaretti inkwistjoni u li wara dan l-inkontru, bdew jipprocedu lejn l-art direzzjoni tac-Cirkewwa, tant hu hekk illi gew intercettati mil-Forzi Armati ta' Malta madwar 14 -il mil nawtiku mill-ponta tac-Cirkewwa. .

5) Illi fl-ebda hin waqt li l-imputati kienu barra fuq il-bahar qatt ma talbu l-permess mill-awtoritajiet koncernati li kienu se johorgu 'l barra mill-Ibhra Territorjali ta' Malta, la meta fil-fatt gew iffilmjati mil-FAM, 35 mil nawtiku 'l barra mill-ponta tac-Cirkewwa u lanqas wara meta regghu dahlu bicca sewwa fit-territorju ta' Malta, li deher fic-car li kienu qed jipprocedu fid-direzzjoni tac-Cirkewwa.

6) Mill-filmati mehuda mil-FAM, u mill-oggetti li z-zewg imputati kellhom abbord il-lanca Sea Lioness, dakinhar tal-incident inkwistjoni juri fic-car li z-zewg imputati kienu jafu ezatt x'kienu ser jaghmlu dakinhar, ghaliex, ma dehret ebda attivita' ohra abbord, ghajr li hadu dawk il-prekawzjonijiet kollha sabiex il-kaxxi tas-sigaretti hbewhom gol-istiva tal-lanca li kienu fuqha u anke ghattew l-ghata b'xi forma ta' tapit sabiex ma taghtix fil-ghajn.

Jirrizulta li effettivament kien l-imputat Vincent Xuereb li kien instab flimkien mal-imputat l-iehor Noel Vella fuq id-dghajsa u bis-sejba ta' numru ta' kaxxi ta' sigaretti li kellhom id-dazju u VAT mhux imhallas. Id-difiza tghid li l-prosekuzzjoni ma ppruvat xejn aktar lanqas li l-oggetti misjuba huma sigaretti. Pero' din il-Qorti tghid x'kellha tipprova aktar fic-cirkostanzi odjerni? Ippruvat li d-dghajsa kienet proprjeta' ta' Joseph Farrugia u giet mislufa lill-imputat Xuereb, li l-imputati Xuereb u Vella kienu fuq id-dghajsa meta saret is-sejba tas-sigaretti bid-dazju u VAT mhux imhallas u l-imputati ma taw l-ebda spejgazzjoni ta' dan kollu. Dawn ic-cirkostanzi huma kollha indizzji cari li effettivament l-imputati kienu jafu bil-provenjenza tas-sigaretti u li ma kienx thallas id-dazju fuqhom. Xuereb ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ta' kif spiccaw fid-dghajsa mislufa lilu. Ghalhekk Xuereb u Vella jibqghu responsabbli ghal dak kollu li kien hemm fid-dghajsa mislufa lilhom.

**Ricediva**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-**Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn*

*ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is- sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza ohra tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-**Pulizija vs Joseph Grech**' deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef Edwina Grima fejn il-Qorti ghallmet illi fl-eventwalita li l-piena mposta fuq l-imputat permezz ta' sentenza precedenti kienet dik ta' multa, *"Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa."*

Fil-kaz in ezami ma saret l-ebda prova dwar ir-recidiva. U l-fedina penali ma tikkostitwixxix la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva. Konsegwentement l-akkuza dwar ir-recidiva ma tirrizultax.

**Konfiska**

Din il-Qorti tirreferi ghal zewg sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, senjatament dawk fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Mary Salerno et**, deciza fit-18 ta' Mejju, 2006, u Il-**Pulizija vs. Massimo Drago**, deciza fit-22 ta' Jannar, 2004, fejn f'din l-ahhar sentenza kien ritenut:

*"Issa kif tajjeb issottomettiet il-prosekuzzjoni skond l-artikoli 68 u 69 tal-imsemmi Kap.37, il-konfiska ta' kull vettura jew hag'ohra li xjentement tkun giet uzata fil-habi jew trasport ta' oggetti li fuqhom ma jkunx gie mhallas jew kawtelat id-dazju jew taxxa tas-sisa hija wahda tassattiva. Taht din il-*

*ligi specjali ma hemm ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kontemplata, bhal ma – taht cirkostanzi ohra - jista' jkun hemm taht dak li jipprovdi l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali.*

*"Dak li jrid jigi pruvat mill-Prosekuzzjoni, kif fil-fatt jidher li gie pruvat ghas-sodisfazzjon pjen tal-Ewwel Qorti f'dan il-kaz, huwa biss u semplicement li l-imputat appellat xjentement kien ghamel uzu minn tali vettura, irrispettivament mill-fatt lil min tali vettura kienet tappartjeni, jew jekk il-persuna li ghaliha kienet tappartjeni il-van kienetx direttament jew indirettament konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel l-appellat.*

*"Ghad-distinzjoni ta' l-artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali, li jiddisponi li jista' jkun hemm eccezzjoni ghall-konfiska bhala konsegwenza tal-piena stabilita mill-ligi ghad-delitt, meta persuna li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti, l-artikoli 68 u 69 ma joholqu ebda eccezzjoni f' dan is-sens .*

*"L-artikolu 68 jiddisponi li :-*

*"Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta' garr li jkun sar xjentement uzu minnhom.... fit-twarrib jew fil-garr ...ta' oggetti li id-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska ghandhom jigu konfiskati."*

*"L-unika eccezzjoni li taghmel il-ligi hija fil-kaz ta' bastiment li jkun ta' purtata ta' aktar minn mitejn u hamsin tunnellata.*

*"L-istess artikolu 69 ma jaghmel ebda distinzjoni simili ghal dik kontenuta fl-artikolu 23 tal-Kap.9."*

**DECIDE:**

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, cioe' Artikoli 60 (b) (c) (h) (k), l-Artikolu 62 (a) (f) (g) (h) (i) (k), 68(1), 69(1)(2) u l- paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kap 37 u l-Artikoli 16(1) (j) u 17 (1)(a)(d), 17(2) tal-Kap 382u tal-Artikolu 80 ta' l-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal- Ligijiet ta' Malta u bi ksur tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta l-1998) u l-Artikoli 49, 50, 334 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputati Vincent Xuereb u Noel Vella hatja talli kellhom fil-pussess taghhom numru konsiderevoli ta' sigaretti fejn id-dazju u VAT ma thallasx fuqhom u ghalhekk tikkundannahom <u>kull wiehed</u> multa ta' mija u tlieta u sebghin elf, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€173,983.68). Oltre dan tikkundannahom piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar sospizi ghal sentejn u tillibera lil Noel Vella mill-akkuza l-ohra ta' recidiva stante li din ma gietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tas-sigaretti kollha esebiti f'dawn l-atti kif indikati fis-Seizure Note 16/2013 Dok JB3 a fol. 21 tal-process u tad-dghajsa Sea Lioness esebita formalment fl-atti hekk kif rapprezentata u sostitwita bil-garanzija bankarja ta' tlieta u ghoxrin elf Ewro (€23,000) mmarkata bhala Dok. JB5.

Oltre dan tordna li terz minn dak l-ammont li gew ikkundannati Vincent Xuereb u Noel Vella bhala multa skont il-Kapitolu 37, u cioe' mis- somma ta' mija u tlieta u sebghin elf, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€173983.68) <u>kull wiehed</u>, għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana

u ghalhekk is-somma ta' sebgha u hamsin elf, disa' mija u erbgha u disghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€57,994.56) kull wiehed huwa dejn civili dovut lid- Dipartiment tad-Dwana.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti biex jiehu hsieb il-gbir tal-multa u f'kaz li l-multa ma tithallasx din ghandha tigi konvertita f'piena ta' prigunerija ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**